**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Dr. Christian Frendo

vs

Hamilton Travel Co. Ltd

CCT 81/22

2 ta' Awwissu 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fis-26 ta' Mejju 2022 fejn talab is-somma ta' erbat elef euro, (€4,000), parti minn prezz minnu mhallas lis-socjeta' intimata ghal cruise fuq l-MSC Seashore bejn il-11 u t-18 ta'Awwissu 2021, liema cruise mhux talli ma lahaqx l-aspettativi tieghu, imma kien ta' dizappunt kbir.

Ra illi s-socjeta' intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh, ma dahlet l-ebda risposta u hadd mis-socjeta' intimata ma deher meta hekk imsejjah biex jjxhed fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2022. B'danakollu, t-Tribunal laqa' talba sussegwenti tas-socjeta' intimata sabiex tinstema' f'dawn il-proceduri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi li r-rikorrent ikkuntratta mas-socjeta' intimata ghal cruise ghal tlieta minn nies (zewg adulti u tifla) fuq l-MSC Seashore ghall-gimgha bejn il-11 u 18 ta' Awwissu 2021. Ir-rikorrent ighid li kien hemm diversi nuqqasijiet illi xekklu ghal kollox l-esperjenza taghhom fuq dan il-vapur.

Issemmi b'mod partikolari l-eskursjonijiet. Kien hemm hamsa u f'tnejn minnhom huwa ma rceviex il-biljetti u kellu jmur jistenna kwazi siegha u nofs biex jigborhom. F'okkazjonijiet ohra rcieva izjed biljetti milli kien hemm bzonn (erba/ disa biljetti ghal tlieta minn nies), u dan ikkawzalu tensjoni ghaliex xorta kellu jahli l-hin biex jiccekja l-affarijiet ghaliex haseb li kien ha jgi ccargjat iktar. Kien hemm dewmien iehor - per ezempju f'okkazjoni ohra, ircievu ittra li kellhom jaghmlu test tal-Covid biex jippartecipaw fl-eskursjoni u l-ismijiet taghhom ma kienx jidher fuq il-lista. Wara saru jafu li l-ittra intbghatet biz-zball.

Jilmenta wkoll fuq episodju meta membru tal-persunal tilef wiehed mill-key-cards taghhom, u dan instab wara ghoxrin minuta pero' kellhom jigru biex jilhqu l-eskursjoni u minhabba f'hekk thassret il-gurnata. Ilmenta wkoll fuq il-fatt illi kien hemm iljieli fejn spiccawlhom xi xorb u l-ikel ma lahaqx l-asspettattivi tieghu - kemm il-kwalita' kif ukoll il-varjeta. Skond ir-rikorrent, ma kienx hemm bizzejjed *staff* biex ilahhqu magghom u l-imwejjed gieli kienu mahmugin, u gieli kienu jibqghu bla ikel. Ir-rikorrent irrifjuta l-voucher ta' hames mitt euro li offrietlu s-socjeta' intimata, ghaliex deherlu illi dan kien baxx wisq. Talab ghalhekk kumpens ta' erba telef euro - kwantu ghal elfejn euro, nofs l-ispejjes imhallsa minnu, kif ukoll elfejn euro bhala danni morali.

Xehdet ukoll Dr. Martha Mifsud, li akkumpanjat lir-rikorrent fuq din il-mawra. Qalet illi hadet l-ewwel qatgha meta telghu abbord il-vapur u sabu rebus totali fis-sala tal-ikel - nies fuq xulxin, l-imwejjed kollha okkupati u munzelli ta' tazzi u platti mahmugin. Kellhom jiggieldu ghall-post u biex tordna xi haga biex tixrob kien impossibbli. Din il-problema rrepetiet ruhha kuljum u spiccat ssoffri minn stress qawwi. Ghalkemm huma kienu hallsu ghal '*all inclusive package*', dan kien kollu ghal xejn ghaliex qatt ma rnexxielhom jordnaw drink u kellhom jaqbzu fuq waiter biex forsi jgibu drink. L-ikel ukoll kien ta' dizappunt - beda jonqsilhom u ghalkemm huma kienu hallsu pakkett *all-inclusive*, kellhom ifittxu *restaurants* fuq il-vapur fejn kellhom ihallsu prezzijiet addizjonali. Darba minnhom spiccawlhom l-ilma naturali u damu gurnata minghajr ilma u kellhom jinzlu l-art u jmorru jixtru l-ilma. Ilmentat ukoll fuq il-*queues*. Fuq l-*excursions* qalet li kien hemm dizordni assolut u hela ta' hin. Ilmentat ukoll fuq il-fatt li wiehed mill-i*staff* tilfilha l-ID card tal-*cruise* u dan ghaliex meta tordna xi haga trid bilfors tipprovdi l-ID lil waiter koncernat biex ikun jaghmel l-iscan necessarji. Minhabba f'hekk hija ma setghetx tinzel minn fuq il-vapur.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza, r-rikorrent Dr. Christian Frendo, qed jitlob ir-rifuzjoni ta' erbat elf euro - elfejn euro rapprezentanti nofs il-prezz imhallas minnu ghal cruise, u elfejn euro bhala danni morali.

Illi ghalkemm is-socjeta' intimata m'ghamlitx risposta u hadd ma deher meta hekk imsejjah biex jaghti x-xhieda tieghu, fuq talba taghha, it-Tribunal issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ddifferiet il-kawza ghal sottomissjonijiet tal-partijiet. Ghalhekk is-socjeta' intimata thalliet titratta u taghmel sottomissjonijiet qabel ma nghatat is-sentenza finali.

In succint, is-socjeta' intimata argumentat illi l-*cruise* kien f'Awwissu 2021, u kien l-ewwel cruise wara l-pendemija u allura certu dewmien kien mistenni. Il-klijenti kienu jafu li kien ha jkun certu regoli, specialment f'pajjizi bhal Franza u setghu jekk riedu ma jinzlux ghall-eskursjonijiet u jittiehdu rifuzjoni minflok.

Ikkunsidra

Illi ma hemmx dubju li l-vaganza li r-rikorrent ikkuntratta mas-socjeta' intimata kienet ta' dizappunt u kien hemm xi nuqqasijiet. Ghalkemm ma kien hemm l-ebda ilmenti fuq l-eskusjonijiet per se u lanqas fuq il-kabina (kamra) jew l-istat generali tal-vapur, jidher illi l-iment principali kien id-dewmien u d-disorganizazzjoni - specjalment f'hin tal-ikel jew tal-eskursjonijiet. Jidher illi kien hemm nuqqas ta' *staff* u l-effetti tal-pandemija setghet ikkawzat ammont ta' tfixkil, anke peress illi pajjizi differenti kellhom regoli differenti.

Illi ghalkemm it-Tribunal jisimpatizza mal-frustrazzjoni deskritta kemm fl-ilment tar-rikorrent kif ukoll fl-affidavit esebit, kien ikun utli li kieku gew esebiti l-ircevuti kollha tar-restaurants illi kienu kostrett jibbukkjaw minhabba s-sitwazzjoni tant frustranti tal-ikel u x-xorb.

Illi ghalkemm it-Tribunal jaqbel li l-offerta tas-socjeta' intimata forsi kienet baxxa wisq, tenut kont tal-prezz imhallas u tas-serviz moghti, b'danakollu, it-Tribunal ihoss illi t-talba tar-rikorrent hija esagerata fic-cirkostanzi.

Jibda biex jinghad illi l-artikolu 21(2) tal-Kap 378 jipprovdi illi t-Tribunal jista' jordna l-kummercjant ihallas is-somma ta' mhux inqas minn hamsa u tletin Euro u mhux iktar minn hames mitt Euro bhala danni morali. Ghalhekk, jekk it-Tribunal jidhirlu illi kien hemm danni morali, hames mitt euro huwa l-massimu li Tribunal jista' jaghti ghal kwalunkwe ilment li jigi quddiemu. Kwindi, s-somma ta' elfejn euro mitlub mir-rikorrent bhala danni morali huwa esagerat u jezorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Wara li qies ic-cirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qed jffissa l-kumpens dovut *arbitrio bono viri* fis-somma ta' elf euro.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikundanna lis-socjeta' intimata thallasu s-somma ta' elf Euro (€1,000.00) ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru